FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001

**Numru 9**

**Avviz numru 443/01JR**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Vincenza Grixti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-28 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tmenin lira Maltija (Lm80.00) in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) import ta' tlett kambjali hawn annessi u mmarkati bhala Dokument 1,2, u 3 u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' hames liri Maltin (Lm5.00) bhala imghax legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sal-lum rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' ghamara inkluza "spare bedroom" lilu mibjugha u konsenjata, fuq ordni tal-konvenut. Bl-imghax mill-14 ta' Settembru, 2000, u**

bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Gunju, 2001, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.

Semgha x-xhieda ta’ Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995 it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmenin lira Maltija (Lm80.00), bl-imghax mit-28 ta’ Gunju, 2001, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR